

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Milkiyas Addis

Konvenut: ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Dispożittiv

L-Artikoli 14 u 34 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprovdi li l-ksur tal-obbligu li jingħata lill-applikant għal protezzjoni internazzjonali l-possibbiltà li jkollu intervista personali qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-Artikolu 33(2)(a) ta' din id-direttiva ma jwassalx għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u r-rinviju tal-każ quddiem l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni, sakemm din il-leġiżlazzjoni tippermetti lil dan l-applikant, f'dan il-kuntest, li jiġu osservati l-argumenti kollha ta' din id-deċiżjoni, biex tispjega personalment l-argumenti kollha tagħha kontra l-imsemmija deċiżjoni waqt seduta li tirrispetta l-kundizzjonijiet u l-garanziji fundamentali applikabbli, stabbiliti fl-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, u li dawn l-argumenti probabbilment ma jbidlux l-istess deċiżjoni.

(¹) ĠU C 392, 20.11.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-16 ta' Lulju 2020 – ADR Center SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-584/17 P) (¹)

(Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Ftehimiet ta' sussidju konklużi fil-kuntest tal-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" għall-perijodu 2007-2013 – Rapporti ta' awditu li jikkontestaw in-natura eliġibbli ta' ċerti spejjeż – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tordna l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament – Artikolu 299 TFUE – Setgħa tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva)

(2020/C 297/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: ADR Center SpA (rappreżentanti: A. Guillerme u T. Bontinck, avocats)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà u A. Katsimerou, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) ADR Center SpA għandha tbatì, minbarra żewġ terzi tal-ispejjeż rispettivi tagħha, żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatì, minbarra terz tal-ispejjeż rispettivi tagħha, terz tal-ispejjeż sostnuti minn ADR Center SpA.

(¹) ĠU C 5, 08.01.2018.